



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 25 ta' Ġunju 2012 (26.06)
(OR. en)**

11780/12

**JAI 465
GENVAL 43
COSI 53
ENFOPOL 208
JAIEX 48
RELEX 589
EUROJUST 58**

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Ġunju 2012
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2012) 286 final
Suġġett:	L-Istrateġija tal-UE lejn il-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin 2012 – 2016

Id-Delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż dokument tal-Kummissjoni COM(2012) 286 final.

Mehmuż: COM(2012) 286 final



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 19.6.2012
COM(2012) 286 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

L-istrateġija tal-UE lejn il-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin 2012 – 2016

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL- KUMITAT TAR-REĠJUNI

L-istrategġija tal-UE lejn il-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin 2012 – 2016

1. IT-TĦEJJIJA TAL-KUNTEST

It-traffikar tal-bnedmin huwa l-iskjavitù ta' żminijietna. Il-vittmi spiss ikunu reklutati, ttrasportati jew moħbijin kontra r-rieda tagħhom, permezz ta' sfurzar jew frodi f'kundizzjonijiet ta' sfruttament, inkluż l-isfruttament sesswali, xogħol jew servizzi furzati, talb għall-flus, attivitajiet kriminali, jew it-teħid ta' organi¹. Huwa vjolazzjoni serja ta' libertà u d-dinjità tal-individwu u forma serja ta' **kriminalità**, li ta' sikwit ikollu implikazzjonijiet li l-pajjiżi individwali ma jistgħux jindirizzaw effettivament waħidhom.

It-traffikar tal-bnedmin jieħu ħafna forom differenti, u jevolvi skont it-tibdil li jsir fiċ-ċirkustanzi soċjo-ekonomiċi. Huwa għandu fil-mira nisa u rġiel, bniet u subien li jkunu f'qagħda vulnerabbli. Skont l-aktar estimi reċenti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ta' Ġunju 2012 li jkopru l-perjodu 2002-2011 l-għadd ta' vittmi ta' xogħol furzat, inkluż l-isfruttament sesswali furzat, huwa ta' 20,9 miljun fil-livell globali, li 5,5 miljuni minnhom huma tfal li jiġu traffikati². Madanakollu, din l-istima hija wkoll ikkunsidrata bħala waħda konservattiva.

Għaliex hija forma ta' kriminalità li tħalli ħafna qligħ, it-traffikar tal-bnedmin jiġġenera qligħ ta' għexieren ta' biljuni ta' euro³ kull sena għal dawk li jwettqu r-reat.

Ir-rapport tal-2010 tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi u l-Kriminalità jiddikjara li madwar id-dinja 79 fil-mija tal-vittmi identifikati tat-traffikar tal-bnedmin kienu soġġetti għal sfruttament sesswali, 18 fil-mija għal xogħol furzat u 3 fil-mija għal forom oħra ta' sfruttament. Minn dawn il-vittmi, 66 fil-mija kienu nisa, 13 fil-mija bniet, 12 fil-mija rġiel u 9 fil-mija subien⁴.

Dejta miġbura mill-Kummissjoni f'Settembru 2011 dwar il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, l-investigazzjonijiet tal-pulizija, il-prosekuzzjonijiet u l-kundanni bħalissa qiegħda tiġi

¹ It-traffikar tal-bnedmin ivarja mill-kuntrabandu tal-persuni (faċilitazzjoni tal-migrazzjoni) għax jinvolvi l-użu tal-forza u jinvolvi l-isfruttament, u minħabba li m'hemm l-ebda bżonn li tinqasam fruntiera jew li jkunu fiżikament trasportati.

² Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, Estimi Globali tal-ILO dwar ix-xogħol furzat 2012, Ġunju 2012. Ir-rapport jiddikjara li t-traffikar tal-bnedmin jista' jiġi kkunsidrat bħala xogħol furzat, u għaldaqstant l-estimi jħaddnu l-firxa kollha ta' traffikar tal-bnedmin għall-isfruttament tax-xogħol kif ukoll dak sesswali (paġna 13).

³ L-istima tal-profitti annwali globali magħmula mill-isfruttament tax-xogħol furzat traffikat hija ta' US\$31,6 biljun. Minn dawn US\$ 15.5 biljun, jiġifieri 49 fil-mija, huma ġġenerati f'ekonomiji industrijalizzati (f'Patrick Belser, 'Forced Labor and Human Trafficking: Estimating the Profits', (*L-Xogħol Sfurzat u t-Traffikar tal-Bnedmin: Stima tal-Profitti*) Dokument ta' Ħidma, L-Uffiċċju Internazzjonali tax-Xogħol, Ġinevra, 2005).

⁴ 'The Globalisation of Crime: : A Transnational Organised Crime Threat Assessment', (Il-Globalizzazzjoni tal-Kriminalità: Evalwazzjoni tat-Theddida tal-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali) UNODC, 2010

analizzata f'termini ta' sess, età, forma ta' sfruttament u ċittadinanza⁵. Riżultati preliminari jidhru konsistenti mal-istatistiċi tar-rapport tal-UNODC. Tliet kwarti tal-vittmi rreġistrati ġew traffikati għall-esplorazzjoni sesswali (żieda minn 70 fil-mija fl-2008 għal 76 fil-mija fl-2010) u l-bqija għal sfruttament tax-xogħol (tnaqqis minn 24 fil-mija fl-2008 għal 14 fil-mija fl-2010), elemożina furzata (3 fil-mija) u servitù domestiku (1 fil-mija). Wieħed u għoxrin Stat Membru tal-UE kienu kapaċi jagħtu informazzjoni speċifika għas-sessi. Dan juri illi matul it-tliet snin in-nisa u l-bniet huma l-vittmi prinċipali tat-traffikar tal-bnedmin; il-vittmi nisa kienu jiffurmaw 79 fil-mija (li minnhom 12 fil-mija kienu bniet) u l-irġiel vittmi 21 fil-mija (li minnhom 3 fil-mija kienu subien). Il-maġġoranza tal-Istati Membri rrapportaw li ħafna vittmi ġejjin mill-UE, prinċipalment mir-Rumanija, il-Bulgarija, il-Polonja u l-Ungerija. L-aktar vittmi rrapportati minn pajjiżi li mhumiex fl-UE huma min-Niġerja, il-Vjetnam, l-Ukraina, ir-Russja u ċ-Ċina.

Ir-traffikar tal-bnedmin jikkostitwixxi fenomenu transnazzjonali kumpless li għandu l-għeruq tiegħu fil-vulnerabbiltà għall-faqar, fin-nuqqas ta' kulturi demokratiċi, fl-inugwaljanza bejn is-sessi u l-vjolenza kontra n-nisa, f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u postkunflitt, fin-nuqqas ta' integrazzjoni soċjali, fin-nuqqas ta' opportunitajiet u impjegi, fin-nuqqas ta' aċċess għall-edukazzjoni, fit-tħaddim tat-tfal u fid-diskriminazzjoni.

Azzjoni tal-UE dwar it-Traffikar tal-Bnedmin

It-traffikar tal-bnedmin huwa speċifikament ipprojbitt mill-Artikolu 5 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

L-impenn politiku fil-livell tal-UE biex tiġi indirizzata l-problema tat-traffikar tal-bnedmin huwa rifless fl-għadd kbir ta' inizjattivi, miżuri u programmi ta' finanzjament stabbiliti fiż-żona kemm fi ħdan l-UE kif ukoll f'pajjiżi terzi sa minn kmieni fis-snin disgħin⁶.

Pass kbir il-quddiem reċentement kienet l-adozzjoni tad-**Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu**⁷. Id-Direttiva tadotta approċċ komprensiv u integrat li jiffoka fuq id-drittijiet tal-bniedem u fuq il-vittmi u li huwa speċifiku għas-sessi. Huwa mistenni li jkollha impatt konsiderevoli, ladarba tkun kompletament trasposta mill-Istati Membri sas-6 ta' April 2013. Hija mhux biss tiffoka fuq l-infurzar tal-liġi iżda wkoll għandha l-għan li timpedixxi l-kriminalità u tiżgura li l-vittmi tat-traffikar jingħataw l-opportunità li jirkupraw u li jintegraw mill-ġdid fis-soċjetà.

Sadanittant, għadd ta' strumenti tal-UE f'diversi oqsma tal-politika jikkontribwixxu biex jiġi indirizzat it-traffikar tal-bnedmin⁸. Il-leġislazzjoni tal-UE dwar id-dritt tal-vittmi tat-traffikar

⁵ L-istatistika miġbura permezz tal-Eurostat tipprovdi ħarsa ġenerali bbażata fuq it-tweġibiet li bagħtu s-27 Stati Membri għas-snin 2008 sa 2010.

⁶ Komunikazzjoni dwar *it-traffikar tan-nisa għall-għan ta' sfruttar sesswali (COM(96) 567 finali)*, *Komunikazzjoni dwar il-Ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin: approċċ integrat u proposti għal pjan ta' azzjoni* (COM (2005) 514 finali), il-Pjan tal-UE dwar l-aħjar prattiki, standards u proċeduri għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-prevenzjoni tiegħu (2005/C311/01) u dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni dwar l-*Evalwazzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjan tal-UE* (COM(2008) 657 finali).

⁷ Id-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, ĠU 15.04.2011, L 101.

⁸ Il-Proposta għad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-vittmi (COM (2011) 275 finali), azzjoni rigward il-vjolenza kontra n-nisa, li l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-azzjoni kontra d-diskriminazzjoni huma elementi fundamentali minnha; L-Aġenda tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal (COM (2011) 0060 finali); Il-Pjan ta' Azzjoni dwar Minuri mhux Akkumpanjati (COM (2010) 213 finali); Id-Direttiva 2009/52/KE dwar

tal-bnedmin li jgħixu fl-UE, dwar l-isfruttament sesswali tat-tfal, u dwar sanzjonijiet kontra min iħaddem li konxjament jimpjega ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti illegalment tikkomplementa d-Direttiva dwar it-traffikar tal-bnedmin. **L-Istrateġija Interna tal-UE għas-Sigurtà fl-Azzjoni** tindirizza aktar it-traffikar tal-bnedmin⁹.

Il-qafas dominanti tal-politika tal-migrazzjoni esterna tal-UE — **l-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobbiltà**¹⁰ — jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi ta' orijini, tranżitu u destinazzjoni u jidentifika bħala waħda mill-erba' pilastri tiegħu l-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-migrazzjoni irregolari u t-traffikar tal-bnedmin. Din il-linja hija segwita wkoll fid-**Dokument tal-UE Orjentat lejn l-Azzjoni tal-2009 dwar it-tisħiħ tad-dimensjoni esterna kontra t-traffikar tal-bnedmin**¹¹.

It-traffikar tal-bnedmin huwa wkoll indirizzat f'bosta strumenti dwar ir-relazzjonijiet esterni, bħar-rapporti annwali dwar il-progress tal-pajjiżi kandidati u potenzjalment kandidati, il-pjani ta' direzzjoni u l-pjani ta' azzjoni rigward id-djalogi għal-liberalizzazzjoni tal-viża ma' pajjiżi terzi, id-Dokumenti ta' Strateġija għall-Pajjiż u l-Programmi Indikattivi Nazzjonali u Reġjonali u l-programmi fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat. Huwa indirizzat ukoll fil-Pjani ta' Azzjoni Bilaterali u fi djalogu li jinsab għaddej ma' pajjiżi terzi¹².

B'firxa daqshekk wiesgħa ta' miżuri leġiżlattivi u ta' politika, hemm riskju ta' sovrapposizzjoni u duplikazzjoni ta' inizjattivi. L-għan ta' din l-Istrateġija għalhekk huwa li tipprovdi qafas koerenti għal inizjattivi attwali u ppjanati, li tistabbilixxi prioritajiet, li timla l-lakuni u għaldaqstant tikkomplementa d-Direttiva li ġiet adottata dan l-aħħar. Il-Kummissjoni diġà ħatret Koordinatur Kontra t-Traffikar tal-UE li bdiet il-ħidma tagħha f'Marzu 2011¹³ u se tissorvelja l-implimentazzjoni ta' din l-Istrateġija. Il-Kummissjoni żviluppat ukoll websajt¹⁴ iddedikat għal kontra t-traffikar li huwa aġġornat regolarment. Il-websajt timmira li tiffunzjona bħala *one-stop-shop* għall-professjonisiti u għall-pubbliku in ġenerali.

Azzjoni Internazzjonali

Diġà ngħatat ħafna attenzjoni lit-traffikar tal-bnedmin fil-livell internazzjonali. L-aktar strumenti prominenti huma l-Protokoll ta' Palermo tan-NU dwar it-Traffikar tal-Persuni, il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar Azzjonijiet kontra t-Traffikar tal-Bnedmin¹⁵. **Mhux l-Istati Membri kollha rratifikaw iż-żewġ strumenti legali u dan għandhom jagħmluh.**

sanzjonijiet kontra min iħaddem li konxjament jimpjega ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti illegalment; u l-proposta għal Direttiva dwar l-impjegji staġjonali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (COM (2010) 379 finali).

⁹ Il-Komunikazzjoni dwar *l-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE fl-Azzjoni: Ħames passi lejn Ewropa aktar sikura*, COM (2010) 673 finali.

¹⁰ Komunikazzjonidwar L-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobbiltà (COM(2011) 743 finali).

¹¹ 11450/5/09 REV 5, 19 ta' Novembru 2009 u 9501/3/11 REV 3, 4 ta' Lulju 2011.

¹² B'mod partikolari fil-kuntest tad-Djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li saru ma' iktar minn 40 pajjiż madwar id-dinja, id-Djalogi dwar il-Migrazzjoni u l-Mobbiltà li jammontaw għal seba' proċessi reġjonali li jkopru iktar minn mitt pajjiż u iktar minn għoxrin proċess bilaterali.

¹³ Il-kompiti tagħha jinkludu li tindirizza l-ħtieġa urġenti li jiġi żgurat pjanar strateġiku konsistenti u u kkoordinat fil-livell tal-UE u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u pajjiżi terzi, biex jindirizza din il-kwistjoni b'mod komprensiv.

¹⁴ <http://ec.europa.eu/anti-traffic-killing/index>.

¹⁵ Il-Protokoll għall-Prevenzjoni, it-Trażżin u l-Ikkastigar tat-Traffikar tal-Persuni, speċjalment tan-Nisa u t-Tfal, li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Tranżnazzjonali, Sensiela tat-Trattati, Vol. 2237, p. 319; Il-Konvenzjoni dwar Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin (CETS Nru. 197), il-Kunsill tal-Ewropa, Varsavja, 16 ta' Mejju 2005.

Tabilħaqq, il-Kummissjoni thegħeġ lill-Istati Membri biex jirratifikaw l-istrumenti, ftehimiet u obbligi legali internazzjonali rilevanti kollha sabiex ix-xogħol kontra t-traffikar tal-bnedmin ikun iktar effettiv, ikoordinat u koerenti¹⁶.

2. PRIJORITAJIET EWLENIN

Permezz ta' din l-istrateġija, il-Kummissjoni Ewropea tfittex li **tiffoka fuq miżuri konkreti li jappoġġjaw it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/36/UE, iġġib valur miżjud u tikkomplimenta x-xogħol magħmul minn gvernijiet, organizzazzjonijiet internazzjonali u s-soċjetà ċivili fl-UE u pajjiżi terzi.**

Ir-responsabbiltà ewlenija għall-indirizzar tat-traffikar tal-bnedmin hija tal-Istati Membri. L-għan ta' din il-Komunikazzjoni huwa li jintwera kif il-Kummissjoni Ewropea beħsiebha tappoġġja lill-Istati Membri fit-tweqqif ta' dan. Is-sentenza *Rantsev v Ċipru u r-Russja*¹⁷ tipprovdi punt ta' riferiment deċiżiv għad-drittijiet tal-bniedem b'obbligi ċari għall-Istati Membri biex jieħdu l-passi neċessarji biex jindirizzaw oqsma differenti tat-traffikar tal-bnedmin. Dawn jinkludu r-reklutaġġ, l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, u l-forniment ta' assistenza lill-vittmi. Jekk l-awtoritajiet huma konxji minn każ tat-traffikar tal-bnedmin, jew li xi individwu jkun fir-riskju li jsiru vittma tat-traffikar tal-bnedmin, huma obbligati jieħdu miżuri adatti.

Il-miżuri inklużi f'din l-Istrateġija huma r-riżultat ta' eżami bir-reqqa tal-miżuri u politiki li huma diġà fis-seħħ, ix-xogħol tal-Grupp tal-Esperti¹⁸, konsultazzjoni estensiva mal-gvernijiet, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-imsieħba soċjali, l-istudjużi, organizzazzjonijiet internazzjonali, rapporteurs nazzjonali jew mekkaniżmi ekwivalenti u partijiet interessati oħra. L-opinjoni tal-vittmi tat-traffikar huma wkoll inkorporati fl-Istrateġija.

Din l-istrateġija tidentifika **ħames priyoritajiet** li l-UE għandha tiffoka fuqhom sabiex tindirizza l-kwistjoni tat-traffikar tal-bnedmin. Hija tiddeskrivi wkoll għadd ta' azzjonijiet li l-Kummissjoni Ewropea tipproponi li timplimenta matul il-ħames snin li ġejjin flimkien ma' atturi oħra, inklużi l-Istati Membri, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, l-istituzzjonijiet tal-UE, l-aġenziji tal-UE, organizzazzjonijiet internazzjonali, pajjiżi terzi, is-soċjetà ċivili u s-settur privat. Dawk il-priyoritajiet huma kif ġej:

- A. L-identifikazzjoni, il-ħarsien u l-assistenza lill-vittmi tat-traffikar**
- B. L-intensifikar tal-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin**
- C. Żieda fil-prosekuzzjoni tat-traffikanti**
- D. Koordinazzjoni u koopeazzjoni msaħħa fost l-atturi ewlenin u koerenza politika**

¹⁶ Il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Qirda tal-Forum Kollha ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa, New York, it-18 ta' Diċembru 1979, *Sensiela tat-Trattati*, Vol. 1249, p. 13, il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, l-20 ta' Novembru 1989, in-Nazzjonijiet Uniti, Serje tat-Trattati, Vol. 1577, p. 3, ILO Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930 (Nru 29), ILO Konvenzjoni dwar l-Abolizzjoni tax-Xogħol Furzat, 1957 (Nru 105), ILO Konvenzjoni dwar l-Agħar Forum ta' Xogħol tat-Tfal, 1999 (Nru 182) u l-ILO il-Konvenzjoni dwar il-Ħaddiema Domestiċi, 2011 (Nru 189).

¹⁷ Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, *Rantsev v. Ċipru u r-Russja*, Applikazzjoni Nru 25965/04, Ġudizzju (finali) l-10 ta' Mejju 2010.

¹⁸ Grupp ta' Esperti li jagħti pariri lill-Kummissjoni fuq il-politika u l-leġislazzjoni u huma bbażati fuq id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, l-aktar reċenti, ĠU 12.08.2011, L 207/14.

E. Għarfien akbar dwar tħassib emerġenti relatat ma' kull għamla ta' traffikar tal-bnedmin u reazzjoni effettiva għalih.

Politika multidixxiplinari u koerenti kontra t-traffikar tal-bnedmin teħtieġ l-involvement ta' grupp ta' atturi aktar varjat minn qabel fit-tfassil tal-politika. Dawn għandhom jinkludu uffiċjali tal-pulizija, gwardjani tal-fruntieri, uffiċjali tal-immigrazzjoni u l-ażil, prosekuturi pubbliċi, avukati, il-membri tal-ġudikatura u l-uffiċjali tal-qrati, spetturi tal-akkomodazzjoni, tax-xogħol, tas-saħħa, għall-affarijiet soċjali u tas-sikurezza, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, ħaddiema fil-qasam taż-żgħażaġh u dak soċjali, organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, trejdnjins, organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, aġenziji tax-xogħol temporanju, aġenziji tar-reklutaġġ u persunal konsulari u diplomatiku kif ukoll dawk aktar diffiċli li jintlaħqu, bħal gwardjani legali u r-rappreżentanti legali, servizzi ta' appoġġ għat-tfal u għall-vittmi. Il-voluntiera u n-nies li jaħdmu f'sitwazzjonijiet ta' konflitt jistgħu ukoll jiġu involuti.

2.1. PRIJORITÀ A: L-identifikazzjoni, il-ħarsien u l-assistenza lill-vittmi tat-traffikar

L-identifikazzjoni tal-vittmi hija diffiċli. Madankollu, nies minn ħafna setturi tas-soċjetà potenzjalment jistgħu jiġu f'kontatt ma' vittma. Huwa kruċjali li jiġu identifikati vittmi potenzjali, hekk li kulmin jittratta ma' vittma tat-traffikar tal-bnedmin ikun jista' jaqdi bl-aħjar mod il-"ħames bżonnijiet wiesgħa tal-vittmi, rispettu u rikonoxximent, assistenza, protezzjoni, aċċess għall-ġustizzja u kumpens. Dan jippermetti wkoll li l-awtoritajiet tal-pulizija u l-prosekuzzjoni jinvestigaw u jikkastigaw lit-traffikanti aħjar. Fl-istess ħin, mekkaniżmi li jipproteġu, jassistu u soċjalment jinkludu vittmi tat-traffikar jeħtieġ li jiġu stabbiliti. Skont id-Direttiva tal-2011, l-assistenza u l-appoġġ għandhom ikunu bbażati fuq il-ħtiġijiet individwali tal-vittma u għandhom jinkludu mill-inqas akkomodazzjoni xierqa u sikura, assistenza materjali, trattament mediku, assistenza psikoloġika, konsulenza u informazzjoni, servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni.

(1) Azzjoni 1: It-Twaqqif ta' Mekkaniżmi ta' Riferiment Nazzjonali u Transnazzjonali

L-Istati Membri għandhom **jiżguraw li mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment formali u funzjonali huma stabbiliti**. Dawn il-mekkaniżmi għandhom jiddeskrivu l-proċeduri għal identifikazzjoni, protezzjoni u assistenza aħjar u jinkludu lill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti kollha u lis-soċjetà ċivili. L-iżvilupp ta' kriterji għall-identifikazzjoni tal-vittmi għandu jiġi inkluż, biex jintużaw minn dawk kollha involuti. Xi Stati Membri diġà hađu l-impenn li jistabbilixxu dawn il-mekkaniżmi sa **tmien l-2012** fil-kuntest taċ-Ċiklu tal-Politika tal-UE fil-għlied kontra l-kriminalità serja u organizzata¹⁹.

Abbażi d-Direttiva dwar it-traffikar tal-bnedmin, il-vittmi għandhom jirċievu protezzjoni u assistenza xierqa fuq il-bażi ta' valutazzjonijiet tar-riskju u l-bżonnijiet individwali. It-tweġġ tal-valutazzjonijiet għandhom ikunu parti mill-kompiti tal-mekkaniżmi ta' riferiment nazzjonali. Skont l-ewwel implimentazzjoni ta' dawn il-mekkaniżmi ta' riferiment nazzjonali mill-Istati Membri, il-Kummissjoni ser **tiżviluppa linji gwida** dwar kif jiġu żviluppati aktar sal-2015. Dawn għandhom ukoll jindirizzaw kwistjonijiet bħal kumpens u r-ritorn sikur. Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' dawk kollha involuti għandhom ikunu definiti b'mod ċar.

Fil-preżent, meta l-vittmi jiċċaqilqu bejn il-fruntieri, il-problemi huma ġeneralment solvuti bilateralment fuq bażi ad hoc. Dan spiss jieħu ħafna żmien u hu ineffiċjenti. Konformi ma'

¹⁹ Dok. 15358/10 COSI 69.

approċċ iffukat fuq il-vittma, sal-2015, il-Kummissjoni **se tiżviluppa mudell għal Mekkaniżmu Transnazzjonali ta' Riferiment** li jgħaqqad il-mekkaniżmi ta' riferiment nazzjonali biex jidentifikaw, jirreferu, jipproteġu u jassistu aħjar lill-vittmi.

(2) Azzjoni 2: L-identifikazzjoni tal-Vittmi

Il-Kummissjoni bħalissa tiffinanzja proġett li se **jiżviluppa linji gwida sabiex jiġu identifikati aħjar il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin** fl-2014, filwaqt li tikkunsidra l-listi KE/ILO tal-2009 ta' indikaturi dwar it-traffikar tal-bnedmin. Dawn il-linji gwida se jiffaċilitaw approċċ aktar armonizzat u ser itejbu l-identifikazzjoni. Huma għandhom ukoll jgħinu lill-professjonisti biex jidentifikaw il-vittmi, speċjalment il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin għall-isfruttament sesswali u l-isfruttament tax-xogħol, għat-tneħħija tal-organi u t-tfal vittmi tat-traffikar.

Barra minn hekk, kif issemma fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Azzjoni li jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma, fl-2012 il-Kummissjoni **se tiżviluppa linji gwida speċifiċi għal servizzi konsulari u għal għassiesa tal-fruntieri** dwar l-identifikazzjoni tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin.

(3) Azzjoni 3: Il-protezzjoni tat-Tfal Vittmi tat-Traffikar

It-tfal huma partikolarment vulnerabbli għall-vittimizazzjoni u t-traffikar mill-ġdid. Studju magħmul fl-2010 mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (OIM) juri li minn 79 kampjun ta' każijiet ta' traffikar mill-ġdid, 84 fil-mija kienu jinvolvu tfal jew adulti żgħira taħt il-25 sena. Barra minn hekk, fi 18 fil-mija ta' dawn il-każijiet il-minorenni kienu traffikati mill-ġdid meta kienu saru adulti. Dan juri li minorenni traffikati huma fir-riskju li jiġu traffikati mill-ġdid matul il-ħajja adulta tagħhom²⁰.

Il-leġislazzjoni tal-UE tipprovdi għall-protezzjoni tal-vittmi tfal u assistenza u appoġġ għal tali vittmi²¹. Sistemi ta' protezzjoni komprensivi li jiffokaw fuq it-tfal jiżguraw koordinazzjoni bejn l-aġenziji u multidixxiplinari huma essenzjali għall-qadi tal-ħtiġijiet diversi ta' gruppi diversi ta' tfal, inklużi vittmi tat-traffikar. Biex it-tfal jitħarsu aħjar, **fl-2014 il-Kummissjoni se tiffinanzja l-iżvilupp ta' linji gwida dwar sistemi għall-ħarsien tat-tfal**.

L-Istati Membri għandhom **isaħħu s-sistemi ta' ħarsien tat-tfal** għal sitwazzjonijiet ta' traffikar u meta r-ritorn ikun meqjus fl-aħjar interess tat-tfal, jassiguraw ir-ritorn sikur u sostenibbli tat-tfal lejn il-pajjiż tal-oriġini, fi u barra l-UE, u jevitawlihom li jiġu traffikati mill-ġdid.

Barra minn hekk, fir-rigward tat-traffikar tat-tfal, fil-preżent m'hemm l-ebda definizzjoni uniformi ta' tutur u/jew rappreżentant madwar l-Istati Membri²² u r-rwoli, il-kwalifiki u l-

²⁰ IOM, 'The Causes and Consequences of Re-trafficking: Evidence from the IOM Human Trafficking Database', (*Il-Kawżi u l-Konsegwenzi tat-Traffikar mill-Ġdid: Evidenza mill-Bażi tad-Dejta tat-Traffikar tal-bnedmin tal-OIM*), 2010.

²¹ Id-Direttivi 2011/36/UE dwar it-traffikar tal-bnedmin u 2011/92/UE dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li jissostitwixxu d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2004/68/ĠAI.

²² Il-Grupp ta' Esperti tal-UE dwar Minuri Mhux Akkumpanjati, Laqgħa dwar it-Tutela ta' tfal mhux akkumpanjati fil-21 ta' Ġunju 2011.

għarfien tal-kompetenzi tagħhom iwarjaw minn Stat Membru għall-iehor²³. Fl-2014, flimkien mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, il-Kummissjoni biġsiebha **tiżviluppa mudell tal-aħjar prattiki dwar ir-rwol tat-tuturi u/jew tar-rappreżentanti tat-tfal vittmi tat-traffikar.**

(4) Azzjoni 4: Il-forniment ta' informazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Vittmi

Il-korrispondenza lill-Kummissjoni matul is-snin turi l-problemi li individwi jiffaċċjaw biex jagħmlu kuntatt mal-awtoritajiet jew organizzazzjonijiet xierqa sabiex jirċievu informazzjoni ċara dwar id-drittijiet tagħhom għal assistenza u kura tas-saħħa, id-dritt tagħhom għal permess tar-residenza u d-drittijiet tax-xogħol tagħhom, id-drittijiet tagħhom rigward l-aċċess għall-ġustizzja u għal avukat, u dwar il-possibiltajiet ta' talba għall-kumpens.

Biex tinforma lill-vittmi bid-drittijiet tagħhom u tgħinhom jeżerċitawhom b'mod effettiv, **fl-2013, il-Kummissjoni se tipprovdi informazzjoni ċara, faċli għall-utent dwar id-drittijiet tax-xogħol, soċjali, tal-vittmi u tal-migranti li għandhom il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin skont il-liġi tal-UE**²⁴. Bħala segwitu, fl-2014 il-Kummissjoni se tgħin lill-Istati Membri jipprovdu u jqassmu informazzjoni simili fil-livell nazzjonali.

2.2. PRIJORITÀ B: L-intensifikar tal-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin

Approċċ koerenti lejn il-prevenzjoni għandu jinkludi l-prosekuzzjoni u l-protezzjoni u jindirizza l-oqsma kollha tat-traffikar tal-bnedmin. Il-prevenzjoni jeħtieġ li tiġi intensifikata fid-dawl tal-kawżi primarji li jagħmlu lin-nies vulnerabbli għat-traffikar u l-indirizzar ta' dawn il-kawżi għandu jkun aspett ewlieni tal-prevenzjoni fl-UE u f'pajjiżi terzi.

(1) Azzjoni 1: Għarfien u Tnaqqis tad-Domanda

L-iskambju tal-aħjar prattiki jista' jgħin biex tonqos id-domanda għall-forom kollha ta' traffikar, inkluż l-isfruttament sesswali. Dan għandu jibni fuq ix-xogħol magħmul fl-oqsma ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni pubblika mmirati lejn konsumaturi u utenti tas-servizzi, lejn ir-responsabbiltà soċjali korporattiva, kodiċijiet ta' kondotta²⁵, in-negożji u d-drittijiet tal-bniedem u inizjattivi mmirati lejn l-eliminazzjoni tat-traffikar tal-bnedmin mill-katini tal-provvista tan-negożji.

Biex jizzied l-għarfien dwar it-tnaqqis tad-domanda, fl-2013, taħt is-Seba' Programm Kwadru, il-Kummissjoni se tiffinanzja **riċerka rigward it-tnaqqis tad-domanda għal u l-provvista ta' servizzi u merkanzija minn vittmi tat-traffikar tal-bnedmin**, inklużi vittmi ttraffikati għal skop ta' sfruttament sesswali u kategoriji speċifiċi ta' vittmi bħat-tfal. Ir-riċerka

²³ Ara wkoll l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, "It-Traffikar tat-Tfal fl-UE — l-Isfidi, il-perspettivi u l-prattiki tajba", Luġu 2009.

²⁴ Din l-informazzjoni tinkludi d-drittijiet ibbażati fuq id-Direttiva 2004/81/KE dwar il-permess ta' residenza maħrūg lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu vittmi tat-traffikar tal-bnedmin. Il-potenzjal tad-Direttiva bħalissa mhux qed jiġi sfruttat għal kollox u n-nuqqas ta' tagħrif li għandhom il-vittmi dwar id-drittijiet tagħhom kien identifikat bħala wieħed mill-oqsma problematiċi ewlenin. Il-Kummissjoni varat studju biex tanalizza l-miżuri attwalment fis-seħħ u l-iskemi ta' protezzjoni għall-vittmi tat-traffikar li jipprovdi kull Stat Membru taħt id-Direttiva, sabiex tifhem jekk l-arranġamenti attwali kemmxen diverġenti fl-Istati Membri jfixklux approċċ konsistenti u effettiv biex jiġi indirizzat it-traffikar tal-bnedmin. <http://ec.europa.eu/anti-trafficking/index>, <http://ec.europa.eu/immigration> and <http://e-justice.europa.eu>.

²⁵ Bħall-Kampanja ta-IOM Ixtri b'Responsabbiltà <http://www.buyresponsibly.org>.

se jipprovdi materjal għar-rapport tal-Kummissjoni tal-2016 rigward il-miżuri legali li hađu xi Stati Membri biex jikkriminalizzaw l-użu tas-servizzi tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin²⁶.

(2) Azzjoni 2: Il-promozzjoni tat-twaqqif ta' Pjattaforma tas-Settur Privat

Il-Kooperazzjoni mas-settur privat hija essenzjali wkoll sabiex tonqos id-domanda għat-traffikar tal-bnedmin u biex jiġi żviluppata katini tal-provvista li ma jinvolvox t-traffikar tal-bnedmin.

Fl-2014 se tiġi stabbilita **Koalizzjoni Ewropea tan-Negozju kontra t-traffikar tal-bnedmin**. Il-koalizzjoni għandha ttejjeb il-kooperazzjoni man-negozji u ma' partijiet interessati oħra, twieġeb għal sfidi li qed jitfaċċaw, u tiddiskuti miżuri għall-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin, b'mod partikolari f'żoni riskjużi ħafna. Fl-2016, il-Kummissjoni beħsiebha taħdem flimkien mal-Koalizzjoni biex **tiżviluppa mudelli u linji gwida fuq it-tnaqqis fid-domanda għal** servizzi provduti minn vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, partikolarment f'żoni riskjużi ħafna, inklużi l-industrija tas-sess, l-agrikoltura, il-konstruzzjoni u t-turiżmu.

(3) Azzjoni 3: Attivitàjiet ta' Sensibilizzazzjoni madwar l-UE u Programmi ta' Prevenzjoni

Bosta programmi ta' prevenzjoni kontra t-traffikar, b'mod partikolari kampanji ta' sensibilizzazzjoni, ġew implimentati lokalment, nazzjonalment u internazzjonalment, u fpajjizi terzi. Madankollu, ftit li xejn sar sabiex jiġi vvalutat sistematikament l-impatt ta' dawn il-programmi ta' prevenzjoni fit-termini ta' kemm laħqu l-għanijiet tagħhom, bħal tibdil ta' imġiba u attitudnijiet, biex b'hekk titnaqqas il-probabbiltà tat-traffikar tal-bnedmin. Barra minn hekk ftit huwa magħruf dwar il-valur miżjud, il-koerenza u l-konsistenza (fejn xieraq) ta' inizjattivi bħal dawn u r-rabtiet bejniethom.

Fl-2013, taħt il-programm ta' finanzjament tal-affarijiet interni, il-Kummissjoni bir-reqqa se **tanalizza inizjattivi ta' prevenzjoni li diġà jinsabu fis-seħħ biex timmira t-traffikar tal-bnedmin imwettaq minn diversi atturi**. Il-Kummissjoni mbagħad se tiżviluppa gwida għall-UE kollha dwar miżuri futuri ta' prevenzjoni u kampanji ta' informazzjoni sensitivi għall-kwistjonijiet relatati mas-sessi mal-Istati Membri. Fuq il-bażi tal-analiżi ta' attivitàjiet ta' prevenzjoni diġà fis-seħħ, rabtiet ma' **kampanji ta' sensibilizzazzjoni attwali se jiġu stabbiliti fl-2015**²⁷.

Fl-2014 il-Kummissjoni se **tniedi attivitàjiet ta' sensibilizzazzjoni madwar l-UE** li jimmiraw gruppi vulnerabbli speċifiċi, bħal nisa u tfal friskju, il-ħaddiema domestiċi, il-komunitajiet Rom, il-ħaddiema mingħajr dokumenti u sitwazzjonijiet bħal avvenimenti sportivi kbar, permezz tal-programm ta' finanzjament tal-affarijiet interni. L-internet u networks soċjali se jintużaw bħala mezz biex effettivament titqajjem kuxjenza b'mod immirat.

2.3. PRIJORITÀ C: Żieda fil-prosekuzzjoni tat-traffikanti

It-traffikar tal-bnedmin jestendi lil hinn mill-Istati Membri individwali. Il-maġġoranza tat-traffikanti jaħdmu fi ħdan networks stabbiliti sew li jippermettulhom iċaqalqu vittmi minn naħa għal oħra tal-fruntiera jew minn post għal ieħor ġewwa pajjiż. Fil-fatt, it-traffikar intern,

²⁶ L-Artikolu 23 tad-Direttiva 2011/36 tal-UE dwar it-traffikar tal-bnedmin.

²⁷ Bħall-Kampanja *Blue Heart* tal-UNODC jew Il-kampanja *Blue Blindfold* tar-Renju Unit.

li fih ħafna mill-vittmi huma ċittadini tal-UE li huma ttraffikanti fi ħdan l-Istat Membru tagħhom stess jew Stat Membru ieħor, qed jiżdied. Għalkemm dan l-aħħar każijiet ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni tat-traffikar tal-bnedmin irċewew aktar attenzjoni, l-għadd totali ta' każi ta' prosekuzzjoni fl-UE għadu baxx. Fil-fatt, id-dejta komparabbli wriet tnaqqis fl-għadd ta' kundanni relatati mat-traffikar tal-bnedmin, minn 1534 fl-2008 għal 1445 fl-2009 u 1144 fl-2010.

(1) Azzjoni 1: It-twaqqif ta' Unitajiet tal-Infurzar tal-Liġi Multidixxiplinarji Nazzjonali

Fiċ-ċiklu tal-politika tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, fl-għanijiet strateġiċi u azzjonijiet operattivi l-Istati Membri rrikonoxxew l-importanza li jkunu innovattivi, multidixxiplinari u proattivi sabiex jinvestigaw u jipprosegwixxu aħjar il-każi tat-traffikar tal-bnedmin.

Biex isiru investigazzjoni u prosekuzzjoni aħjar tat-traffikanti u tkompli tiżdied il-koperazzjoni transkonfinali u jiġi ċċentralizzat l-għarfien dwar it-traffikar tal-bnedmin, l-Istati Membri għandhom **jistabbilixxu unitajiet tal-infurzar tal-liġi multidixxiplinarji nazzjonali** dwar **it-traffikar tal-bnedmin**. L-unitajiet għandhom jiffunzjonaw bħala punti ta' kuntatt għall-aġenziji tal-UE, b'mod partikolari l-Europol²⁸ u jgħaddu l-informazzjoni miġbura lill-Unitajiet Nazzjonali tal-Europol għal trażmissjoni ulterjuri lill-Europol. L-unitajiet għandhom jiffukaw fuq il-forom kollha tat-traffikar tal-bnedmin u jtejbu d-detezzjoni tat-traffikar tal-bnedmin u l-ġbir u l-analiżi ta' informazzjoni dwar is-suġġett. Jeħtieġ li jkun hemm fis-seħħ proċeduri li jirregolaw l-iskambju ta' informazzjoni bejn unitajiet lokali u reġjonali tal-infurzar tal-liġi u l-unitajiet nazzjonali. L-unitajiet għandhom jindirizzaw ukoll xejriet li qed jinbidlu, bħar-reklutaġġ tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin u r-reklamar tas-servizzi tagħhom fuq l-Internet.

(2) Azzjoni 2: L-Iżgurar ta' Investigazzjoni Finanzjarja Proattiva

Skont ir-Rakkomandazzjonijiet tat-Task Force għal Azzjoni Finanzjarja tal-Organizzazzjoni għall-Koordinazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku²⁹, fl-2013 **l-Istati Membri għandhom b'mod proattiv iwettqu investigazzjonijiet finanzjarji dwar każijiet ta' traffikar**, jipprovdu informazzjoni għall-fajl ta' ħidma analitika tal-Europol u jikkoperaw aktar mal-aġenziji tal-UE, bħall-Eurojust u l-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL).

L-Europol se tagħmel analiżi bbażata fuq it-tagħrif li tirċievi mill-Istati Membri dwar l-investigazzjoni finanzjarja ta' każijiet ta' traffikar tal-bnedmin sal-2015. Din l-analiżi għandha twassal għall-identifikazzjoni tal-aħjar Prattika u mudelli għall-investigazzjonijiet finanzjarji tal-pulizija. L-investigazzjoni finanzjarja ġiet rikonoxxuta bħala għodda għall-ġbir ta' evidenza. Meta tkun qed tinġabar evidenza bil-għan tal-prosekuzzjoni ta' traffikanti tal-bnedmin, ħafna investigazzjonijiet għadhom jiddependu l-aktar fuq id-dikjarazzjonijiet tal-vittmi. L-evidenza miġbura mit-traċċi tal-flus tista' ttipprovdi l-evidenza addizzjonali

²⁸ L-unitajiet għandhom jiffunzjonaw bħala punt tal-kuntatt tal-korpi għall-infurzar tal-liġi f'pajjiżi oħra ġewwa u barra l-UE u esperti mill-unità għandhom jipparteċipaw f'laqgħat bħal-laqgħa tal-grupp tal-Fajls ta' Ħidma Analitika dwar it-traffikar tal-bnedmin, laqgħat relatati maċ-ċiklu ta' politika tal-UE u laqgħat tal-punti ta' kuntatt imsemmija fil-manwal ta' kuntatt tal-Europol għat-traffikar tal-bnedmin.

²⁹ Standards internazzjonali għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u l-proliferazzjoni, ir-rakkomandazzjonijiet tal-FATF, Task Force għal Azzjoni Finanzjarja tal-OECD 2012.

meħtieġa, partikolarment fis-setturi b'riskju għoli³⁰, biex b'hekk jittaffa l-piż tal-vittmi milli jixhdu fil-qorti. L-investigazzjonijiet finanzjarji jistgħu wkoll ikunu utli biex jinfurmaw l-evalwazzjoni tar-riskju, iżidu l-għarfien dwar il-modus operandi ta' dawk li jikkommettu reati relatati mat-traffikar tal-bnedmin u jorqmu l-għodod ta' detezzjoni.

(3) Azzjoni 3: Tizzied il-Kooperazzjoni transkonfinali bejn il-Pulizija u l-Ġudikatura

Il-Kummissjoni tagħraf l-importanza li jizzied il-livell ta' kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam tat-traffikar tal-bnedmin. Għalhekk hija tinkoraġġixxi lill-awtoritajiet nazzjonali u lill-aġenziji tal-UE biex **joħolqu, fejn huwa relevanti, timijiet ta' investigazzjoni konġunti u jinvolvu lill-Europol u lill-Eurojust fil-każi kollha ta' traffikar transkonfinali. L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu sħiħ tal-aġenziji tal-UE** u jaqsmu informazzjoni bil-għan li jizzied in-numru u l-kwalità ta' investigazzjonijiet transkonfinali fil-livell tal-infurzar tal-liġi u f'livell ġudizzjarju. B'konformità mal-mandati tagħhom, l-aġenziji tal-UE għandhom attivament jaqsmu l-informazzjoni bejniethom u mal-Istati Membri. **L-Istati Membri għandhom ukoll jikkooperaw mal-Eurojust fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Eurojust kontra t-traffikar tal-bnedmin futur.**

(4) Azzjoni 4: Tizzied il-Kooperazzjoni lil hinn mill-Fruntieri

Fl-2012 l-UE se tiffinanzja proġett pilota biex **issaħħa il-kooperazzjoni reġjonali dwar it-traffikar tal-bnedmin tul ir-rotot mil-Lvant lejn l-UE** bl-użu tal-Istrument għall-Istabbiltà.

Aktar inizjattivi kontra l-kriminalità organizzata u t-traffikar tal-bnedmin se jikkontribwixxu wkoll għal koerenza bejn l-aspetti interni u esterni tal-politiki ta' sigurtà tal-UE. Huma se jżidu wkoll it-tagħrif dwar ir-rabtiet li hemm bejn networks kriminali involuti fit-traffikar tal-bnedmin u l-kriminalità foqhma oħra. L-għan tagħhom għandu jkun li jitjiebu s-sistemi ta' ġbir ta' dejta, l-analiżi u l-iskambju fil-livell nazzjonali u fil-livell transnazzjonali, u l-promozzjoni u l-assistenza lill-iskambju tal-informazzjoni u l-koordinazzjoni reġjonali rigward it-traffikar tal-bnedmin u tissaħħa il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi nazzjonali u transnazzjonali u l-kapaċità tal-prosekuturi u l-persunal konsulari u tal-NGOs.

2.4. PRIJORITÀ D: Koordinazzjoni u kooperazzjoni msaħħa fost l-atturi ewlenin u koerenza politika

Hemm il-ħtieġa għal koordinazzjoni u kooperazzjoni mtejbja fost l-atturi ewlenin li jaħdmu fil-qasam tat-traffikar tal-bnedmin, ibbażati fuq approċċ multisettorjali u multidisziplinariju. Il-koerenza hija wkoll essenzjali biex jiġi żgurat li politiki relatati jinkorporaw politika kontra t-traffikar.

Il-kooperazzjoni fost l-atturi differenti tista' l-aħjar tiġi organizzata permezz ta' mekkaniżmi u proċeduri formalizzati li joħlqu impenn ċar u jiċċaraw ir-rwoli u l-kompiti ta' dawk involuti. L-Aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-UE ffirmaw dikjarazzjoni konġunta fil-ħames darba li ġie ċċelebrat il-Jum Kontra t-Traffikar tal-UE fit-18 ta' Ottubru 2011. Dan il-ftehim jinkludi prevenzjoni aħjar tat-traffikar, investigazzjoni u prosekuzzjoni tal-ħatja iktar effiċjenti, u protezzjoni tal-vittmi iktar effettiva u li tirrispetta d-drittijiet fundamentali u

³⁰ L-Europol, 'Valutazzjoni tat-Theddida tal-Kriminalità Organizzata 2011'. Dawn is-setturi huma l-agrikoltura, il-konstruzzjoni, l-industrija tat-tessuti, il-kura tas-saħħa, is-servizz domestiku u l-industrija tas-sess, paġna 19.

tikkunsidra s-sess tal-vittmi³¹. Il-Kummissjoni se **tikkoordina u tissorvelja l-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim.**

- (1) Azzjoni 1: It-tisħiħ tan-Netzwerk tal-UE tar-Relaturi Nazzjonali jew Mekkaniżmi Ekwivalenti

In-Netzwerk Informali tal-UE ta' Relaturi Nazzjonali jew Mekkaniżmi Ekwivalenti twaqqaf fl-2009 u jiltaqa' kull sitt xhur. Taħt l-Artikolu 19 tad-Direttiva dwar il-prevenzjoni u l-għieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, l-Istati Membri kollha jeħtiġilhom jistabbilixxu relaturi nazzjonali jew mekkaniżmi ekwivalenti li l-kompiti tagħhom jinkludu t-tweqqif ta' evalwazzjonijiet tat-tendenzi, il-kejl tal-impatt tal-isforzi kontra t-traffikar, u l-għbir tad-dejta. Fl-2013, il-Kummissjoni se **ssaħħa il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni madwar l-UE b'appoġġ għax-xogħol li jsir mir-relaturi nazzjonali** biex jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-obbligi internazzjonali u tal-UE mill-Istati Membri; jiġbru d-dejta, janalizzaw u jirriċerkaw it-tendenzi tat-traffikar tal-bnedmin fuq livell nazzjonali, u jevalwaw il-progress rigward il-prevenzjoni u l-għieda kontra t-traffikar tal-bnedmin kif ukoll rigward il-protezzjoni tal-vittmi, filwaqt li jiżguraw il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili.

- (2) Azzjoni 2: Il-Koordinazzjoni tal-Attivitajiet tal-Politika Barranija tal-UE

Id-Dokument Orjentat lejn l-Azzjoni dwar it-tisħiħ tad-dimensjoni esterna tal-UE kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-Approċċ Globali lejn il-Migrazzjoni u l-Mobbiltà t-tnejn li huma jipprevedu koordinazzjoni aħjar tal-attivitajiet tal-politika esterna tal-UE u jipprovdu approċċ koerenti bbażat fuq il-ftehimiet, is-sħubijiet strateġiċi u djalgi politiċi tal-UE. Lista ta' pajjiżi u reġjuni terzi prijoritarji għal sħubijiet futuri għandha tiġi żviluppata. **Fl-2013 fil-pajjiżi u reġjuni terzi prijoritarji jistgħu jiġu kkunsidrati mekkaniżmi ta' kooperazzjoni f'delegazzjonijiet tal-UE dwar it-traffikar tal-bnedmin** sabiex tissaħħa il-kooperazzjoni, jinħolqu s-sħubijiet u titjieb il-koordinazzjoni u l-koerenza.

Il-Kummissjoni se taħdem ukoll lejn **it-tisħiħ u l-formalizzazzjoni tas-sħubijiet ma' organizzazzjonijiet internazzjonali**³² attivi fil-qasam tat-traffikar tal-bnedmin biex ittejjeb l-iskambju tal-informazzjoni u tiżgura l-kooperazzjoni, partikolarment fl-oqsma ta' ppjanar tal-politika, il-prijoritizzazzjoni, il-għbir tad-dejta, ir-riċerka u l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.

Bħala vjolazzjoni serja tad-drittijiet tal-bniedem imsemmija fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, it-traffikar tal-bnedmin se jkompli jkun kopert **taħt il-Klawsoli dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-ftehimiet tal-UE ma' pajjiżi terzi, inklużi l-Ftehimiet dwar il-Kummerċ Ħieles**, li jipprovdu bażi għall-koperazzjoni fuq id-drittijiet tal-bniedem³³ u l-promozzjoni tagħhom.

Il-Kummissjoni se **tkompli tiffinanzja proġetti** permezz tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u programmi ta' finanzjament oħra għar-relazzjonijiet esterni fl-aspetti kollha relevanti tat-

³¹ L-aġenziji in kwistjoni huma CEPOL, EASO, EIGE, l-Europol, l-Eurojust, FRA u Frontex, <http://ec.europa.eu/anti-traffic-killing/entity.action?id=55a48066-dcf5-4e71-b191-cedcf0caa97a>.

³² Il-Kummissjoni fformalizzat sħubijiet f'diversi forum u tikkoopera man-NU, il-Kunsill tal-Ewropa, l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni, l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u l-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol. Il-kooperazzjoni kontinwata ma' dawn l-organizzazzjonijiet se tkun partikolarment importanti fil-għieda kontra t-traffikar tal-bnedmin li jsir bi skop ta' tneħħija tal-organi.

³³ Komunikazzjoni Konġunta: Id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fil-Qalba tal-Azzjoni Esterna tal-UE – Lejn Approċċ Aktar Effettiv, COM(2011) 886 finali.

traffikar tal-bnedmin f'**pajjiżi terzi u fir-reġjuni**, inkluż it-traffikar min-Nofsinarhar għan-Nofsinarhar, u li jkopru l-prevenzjoni, il-protezzjoni u l-prosekuzzjoni.

(3) Azzjoni 3: Il-promozzjoni tat-twaqqif ta' Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili

Fl-2013 se tiġi stabbilita **Pjattaforma tal-UE tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-fornituri ta' servizzi li jaħdmu** fl-ambitu tal-protezzjoni u l-assistenza tal-vittmi fl-Istati Membri u pajjiżi terzi magħżula. Il-Kummissjoni se tiżgura li l-fondi fil-programmi ta' finanzjament tal-affarijiet interni jkunu disponibbli biex dan isir.

(4) Azzjoni 4: Reviżjoni tal-proġetti ffinanzjati mill-UE

Matul is-snin, il-Kummissjoni Ewropea ffinanzjat bosta proġetti kontra t-traffikar³⁴. Dawn il-proġetti kienu mmirati lejn partijiet interessati differenti u indirizzaw il-kwistjoni minn diversi angoli. Il-Kummissjoni se tiżgura li informazzjoni dwar il-proġetti kollha li jirrigwardaw l-aspetti interni u esterni tat-traffikar tal-bnedmin li huma ffinanzjati mill-UE tkun disponibbli fuq il-websajt tagħha kontra t-traffikar. Bħala l-pass li jmiss, li jirrifletti l-bżonn għal koerenza akbar fil-politiki madwar is-setturi li għandhom impatt fuq il-ħidma u l-inizjattivi kontra t-traffikar, fl-2014 il-Kummissjoni se **twettaq reviżjoni komprensiva ta' dawn il-proġetti** biex tidentifika żoni ġeografiċi, oqsma, atturi differenti u tipi ta' proġetti, kif ukoll ir-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom. **Din ir-reviżjoni se ssaħħaħ proġetti futuri u tipprovdha bażi solida għal politika u inizjattivi ta' ffinanzjar tal-UE li huma koerenti, kost-effettivi, u strateġiċi.**

(5) Azzjoni 5: It-tisħiħ tad-drittijiet fundamentali fil-politika kontra t-traffikar u l-azzjonijiet relatati

L-integrazzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-politika u l-leġiżlazzjoni kontra t-traffikar hija meħtieġa biex ikun żgurat li x-xogħol kontra t-traffikar ikun koerenti. L-Istrateġija tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali³⁵ teħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura minn stadju bikri, permezz ta' "kontroll tad-drittijiet fundamentali", li l-atti leġiżlattivi u oħrajn tagħha jkunu dejjem għal kollox konformi mad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta³⁶.

Sar ukoll xogħol importanti minn diversi organizzazzjonijiet u korpi, jiġifieri l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Kunsill tal-Ewropa. Barra minn hekk, ġew żviluppati għodda għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jevalwaw il-politika u l-leġiżlazzjoni dwar it-traffikar tal-bnedmin³⁷ u għodda biex tagħti gwida dwar id-drittijiet fundamentali fil-valutazzjonijiet tal-Impatt tal-Kummissjoni.

³⁴ Informazzjoni dwar il-maġġoranza tal-proġetti hija disponibbli fuq il-websajt kontra t-traffikar tal-Kummissjoni.

³⁵ Strateġija għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, COM (2010) 573 finali, 19 ta' Ottubru 2010, disponibbli fuq: <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2010:0573:FIN:MT:PDF>.

³⁶ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni - Gwida Operazzjonali dwar il-kunsiderazzjoni tad-Drittijiet Fundamentali fil-Valutazzjonijiet ta' Impatt tal-Kummissjoni, SEC (2011) 567 finali, 6.5.2011.

³⁷ The Right Guide, <http://ec.europa.eu/anti-trafficking/entity?id=7dbb0353-cb8a-4bcc-a3fa-34dfbe01bbca>.

Biex issaħħaħ strumenti eżistenti, u tibni fuq ix-xogħol tagħha kemm tal-imgħoddi kif ukoll dak attwali rigward it-traffikar, fl-2014 l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, se tibda **tiżviluppa għodda, bħal manwal jew gwida, biex tgħin lill-Istati Membri jindirizzaw kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali** relatati speċifikament mal-politika ta' kontra t-traffikar u azzjonijiet relatati, li se tqis l-istrutturi, il-proċessi, u r-riżultati rilevanti, u se tiffoka fuq id-drittijiet tal-vittmi, li tkun tinkorpora l-perspettiva tas-sessi u l-aħjar interessi tat-tfal. Bħala l-pass li jmiss, il-Kummissjoni, permezz tal-programmi ta' finanzjament għall-ġustizzja, se **tassisti lill-Istati Membri fl-implementazzjoni din l-għodda.**

(6) Azzjoni 6: Il-koordinazzjoni tal-Ħtiġijiet tat-Taħriġ f'Kuntest Multidixxiplinarju

Wieħed mill-punti ewlenin fid-Direttiva dwar it-traffikar tal-bnedmin u ħaġa li tidher ċara mill-maġġoranza tar-risposti għall-konsultazzjonijiet dwar din l-Istrateġija hija l-**ħtieġa li jiġi pprovdut taħriġ għal dawk li jaħdmu fil-qasam.** Mekkaniżmi ta' taħriġ u programmi mmirati u speċjalizzati dwar it-traffikar tal-bnedmin jeħtieġ isiru aktar uniformi u konsistenti³⁸. Persuni li regolarment ikollhom jitrattaw ma' kwistjonijiet ta' traffikar tal-persuni jridu jiġu mħarrġa. **Il-Kummissjoni se ssaħħaħ it-taħriġ billi tiffoka fuq il-ġudikatura u l-infurzar tal-liġi transkonfinali** permezz tal-Komunikazzjonijiet dwar it-Tkattir tal-fiduċja f'ġustizzja Ewropea u dwar l-Iskema Ewropea ta' Taħriġ, ipplanati għal tmiem l-2012. **L-enfasi prinċipali** tal-Kummissjoni se jkun li **tiġbor flimkien diversi atturi** sabiex tiżdied il-koerenza tal-politika, u kif xieraq, timmira oqsma speċifiċi u atturi.

Possibilitajiet għall-iżvilupp ta' oqfsa ta' taħriġ għall-pajjiżi fi tranżizzjoni u li qed jiżviluppaw se jiġu esplorati permezz tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ. Il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija, il-Frontex, u l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ għall-Asil se jaħdmu aktar fuq il-ħtiġijiet ta' taħriġ tal-partijiet interessati rispettivi tagħhom³⁹. Il-Kummissjoni se tikkunsidra kooperazzjoni mad-delegazzjonijiet tal-UE biex tipprovdilhom u, permezz tagħhom, lil pajjiżi terzi, b'taħriġ fl-indirizzar tat-traffikar tal-bnedmin.

2.5. PRIJORITÀ E: Għarfien akbar dwar tħassib e mergenti relatat ma' kull għamla ta' traffikar tal-bnedmin u reazzjoni effettiva għalih

Ix-xejriet, il-mudelli u l-metodi ta' ħidma tat-traffikanti qed jinbidlu fil-forom kollha differenti ta' traffikar tal-bnedmin, filwaqt li jadattaw ruħhom għall-bidliet fix-xejriet tad-domanda u l-provvista. Il-forom ta' sfruttament huma spiss amalgamati u marbutin mill-qrib, u għalhekk jagħmluha diffiċli biex wieħed jiskopri l-forma eżatta ta' sfruttament li vittmi jkun suġġetti għaliha. Dan jagħmilha saħansitra aktar diffiċli biex il-vittmi jiġu identifikati. Huwa meħtieġ li wieħed ikun jista' jifhem dawn ix-xejriet malajr u jiżgura reazzjoni effikaċi.

(1) Azzjoni 1: L-iżvilupp ta' sistema pan-Ewropea għall-Ġbir tad-Dejta

Il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, se **tiżviluppa sistema pan-Ewropea għall-ġbir u l-pubblikazzjoni ta' dejta mqassma skond l-età u s-sess.** L-għarfien tal-flussi u tendenzi

³⁸ Komunikazzjoni Inkattru l-fiduċja f'Ġustizzja Ewropea: dimensjoni għdida għat-taħriġ ġudizzjarju Ewropew, COM (2011) 551 finali.

³⁹ Is-CEPOL tipprovd i taħriġ dwar it-traffikar tal-bnedmin kif ukoll Kurrikulu Komuni u modulu ta' tagħlim elettroniku għal uffiċjali tal-pulizija. Il-Frontex żviluppat manwal ta' taħriġ speċifiku dwar it-traffikar tal-bnedmin għall-gwardjani tal-fruntieri. Għodod u informazzjoni dwar id-detezzjoni u r-riferiment tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin ser ikunu parti mill-kaxxa tal-għodda tal-Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-Qasam tal-Asil (EASO), pereżempju f' moduli ta' taħriġ u manwali.

tat-traffikar intern se jkun parti importanti minn dan ix-xogħol. Abbażi ta' riżultati miksuba mill-analiżi tal-ewwel inizjattiva ta' ġbir ta' dejta fl-2012, il-Kummissjoni se taħdem ma' rapporteurs nazzjonali biex **tiżgura li dejta komparabbli u affidabbli tinġabar permezz tal-inizjattiva ta' segwitu li tkopri s-snin 2011 u 2012**. Ir-riżultati huma mistennija fl-2014.

Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-kejl tal-kriminalità fl-UE, il-Kummissjoni enfasizzat il-hteġa li tinġabar dejta affidabbli u komparabbli dwar it-traffikar tal-bnedmin għal politika bbażata fuq l-evidenza. Il-Komunikazzjoni tinkludi Pjan ta' Azzjoni għall-2011-2015⁴⁰ biex tinġabar dejta fuq għadd żgħir ta' indikaturi.

(2) Azzjoni 2: L-iżvilupp tal-għarfien relatat mad-Dimensjoni tas-Sessi fit-Traffikar u l-Gruppi Vulnerabbli

Fl-2013, il-Kummissjoni se tiżviluppa **l-għarfien dwar id-dimensjonijiet tas-sessi fit-traffikar tal-bnedmin**, inklużi l-ispeċifikitajiet tal-mod kif l-irġiel u n-nisa jiġu rekrutati u sfruttati, konsegwenzi li jirrigwardaw is-sessi tad-diversi forum ta' traffikar u d-differenzi potenzjali bejn l-irġiel u n-nisa fil-vulnerabbiltà għall-vittimizazzjoni u l-impatt tagħha fuqhom.

Il-vulnerabbiltà għat-traffikar u għal forum differenti ta' sfruttament hija msawra skont is-sess. Filwaqt li n-nisa u l-bniet għandhom it-tendenza li jiġu traffikati għall-isfruttament fl-industrija tas-sess, f'xogħol domestiku jew għas-settur tal-kura, hemm it-tendenza li l-irġiel u s-subien ikunu vittmi tax-xogħol furzat, b'mod partikolari fl-agrikoltura, fil-kostruzzjoni, fit-tħaffir tal-minjieri, fis-setturi tal-foresti u fil-flotot tas-sajd. Barra minn hekk, il-konsegwenzi fiż-żmien qasir u fit-tul fuq in-nisa u l-irġiel traffikati jistgħu jvarjaw, skont il-forma ta' traffikar u s-sess.

Gruppi vulnerabbli huma f'riskju akbar ta' traffikar tal-bnedmin. Tali gruppi jinkludu t-tfal, speċjalment tfal li jtilqu l-iskola kmieni, it-tfal li jitħallew wara⁴¹, tfal mhux akkumpanjati, u tfal b'diżabbiltà, kif ukoll nies fil-komunità Rom⁴². Filwaqt li tiżgura perspettiva tas-sessi, fl-2014 il-Kummissjoni se tiżgura wkoll li l-finanzjament ikun disponibbli taħt il-programm għall-finanzjament tar-riċerka biex **jiżied l-għarfien dwar tali gruppi b'riskju għoli** u fil-futur se timmira l-azzjonijiet b'mod aktar koerenti u se tikkollabora mal-Istati Membri.

(3) Azzjoni 3: Għarfien dwar ir-Reklutaġġ bl-Internet

Fl-2014, taħt il-programm ta' finanzjament għal internet aktar sikur, il-Kummissjoni ser tappoġġa proġetti li jimmiraw li **jiżidu l-għarfien rigward ir-reklutaġġ minn fuq l-internet u permezz tan-networks soċjali — inkluż ir-reklutaġġ li jsir bl-għajnuna ta' intermedjarji**. L-internet jilħaq udjenza wiesgħa, u joffri bosta possibbiltajiet biex jiġu rekrutati l-vittmi⁴³. Huwa joffri opportunitajiet ta' impjieg (ħafna drabi billi jippromwovu impjiegi attraenti barra mill-pajjiż, għal mudelli, żeffiena, artisti tal-cabaret, eċċ.) li huma

⁴⁰ Komunikazzjoni Il-Kejl tal-Kriminalità fl-UE: Pjan ta' Azzjoni tal-Istatistika 2011 - 2015, COM (2011) 713 finali.

⁴¹ Dan jirreferi għal tfal li l-ġenituri tagħhom jaħdmu fi Stat Membru differenti u jħallu t-tfal warajhom fil-pajjiż tal-orġini tagħhom.

⁴² B'kunsiderazzjoni tar-riċerka dwar is-suġġett bħall-Istudju dwar it-Tipoloġija ta' Tallaba Tfal u r-Reazzjonijiet tal-Politika fl-UE, JLS/2009/ISEC/PR/008-F2.

⁴³ Ara l-Istudju tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Abbuż tal-Internet għar-reklutaġġ tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, 2007.

aċċessibbli permezz ta' magni tat-tiftix sempliċi jew pop-ups, chat rooms u spam mail. Għodod tan-netwerking soċjali qed isiru dejjem aktar popolari bħala għodod ta' reklutaġġ.

(4) Azzjoni 4: Immirar fuq it-Traffikar għal skopijiet ta' Sfruttament tax-Xogħol

Biex jizjed l-għadd ta' każijiet ta' traffikar għall-isfruttament tax-xogħol li jiġu investigati u pproċessati u biex tittejjeb il-kwalità tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' dawn il-każijiet, fl-2013, taħt il-programm ta' finanzjament għall-affarijiet interni, il-Kummissjoni se tiffinanzja **studju ta' każistika fl-Istati Membri kollha**. Bosta rapporti jiġbdu l-attenzjoni lejn l-approċċi differenti fl-Istati Membri biex jiġi indirizzat it-traffikar għall-isfruttament tax-xogħol. Dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali u l-implimentazzjoni tagħhom jidhru li jvarjaw fost l-Istati Membri. Dan jista' jfikkell il-kooperazzjoni transkonfinali. Għarfien aħjar tal-każistika fl-Istati Membri jista' jiffa' dawl fuq id-differenzi fl-approċċ.

Il-leġislazzjoni dwar (is-suq) tax-xogħol u l-liġijiet li jirregolaw il-migranti li jaħdmu fl-UE, meta implimentati korrettament, se jgħinu wkoll għall-prevenzjoni ta' forom differenti ta' traffikar tal-bnedmin. Hemm bżonn ta' konċentrazzjoni akbar fuq l-aspetti amministrattivi tat-traffikar tal-bnedmin bħal dwar il-kuntratti u s-sottokuntratti u l-aġenziji tar-reklutaġġ għall-impjiegi, b'mod partikolari f'setturi b'riskju għoli għat-traffikar tal-bnedmin. L-aġenda tal-UE għal xogħol⁴⁴ deċenti u protezzjoni soċjali aħjar fil-pajjiżi ta' oriġini trid tiġi promossa wkoll.

Fl-2015, il-Kummissjoni se taħdem mal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) biex tiżviluppa **gwida tal-aħjar prattiki għall-awtoritajiet pubbliċi** dwar il-monitoraġġ u l-infurzar tal-aġenziji ta' xogħol temporanju u l-aġenziji intermedjarji bħal aġenziji tar-reklutaġġ biex jiġi ostakolat it-traffikar tal-bnedmin. Il-gwida għandha tinkludi sistemi ta' liċenzjar u xogħol relatat mar-responsabbiltà ta' dawn l-aġenziji.

Il-Kummissjoni se **ssaħħa ukoll il-kooperazzjoni mal-ispetturi tax-xogħol, soċjali, tas-saħħa u tas-sikurezza, kif ukoll mal-ispetturi tas-sajd**, fir-rigward tal-identifikazzjoni u r-riferiment tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin u biex titqajjem kuxjenza u jsir taħriġ billi tinkludiha fl-aġenda tan-networks UE fl-2013.

3. IL-VALUTAZZJONI U L-MONITORAĠĠ

Billi tqis l-ammont kbir ta' mekkaniżmi ta' rappurtar fil-qasam tat-traffikar tal-bnedmin madwar l-UE⁴⁵, u kif din il-Komunikazzjoni tirrelata mad-Direttiva dwar it-traffikar tal-bnedmin, il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tistabbilixxi proċeduri effettivi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni li ma johlqux mekkaniżmi ta' rappurtar ripetittivi. L-Istati Membri huma mħeġġa jagħmlu evalwazzjoni u monitoraġġ huma stess tal-istrateġiji nazzjonali u attivitajiet tagħhom immirati biex jindirizzaw it-traffikar tal-bnedmin.

⁴⁴ Komunikazzjoni Il-Promozzjoni ta' xogħol deċenti għal kulħadd: il-kontribuzzjoni tal-UE fl-implimentazzjoni tal-aġenda tax-xogħol deċenti fid-dinja, (COM(2006)249) finali.

⁴⁵ L-intenzjoni hija li jiġu esplotati kemm jista' jkun il-mekkaniżmi eżistenti ta' rappurtar fil-qasam tat-traffikar tal-bnedmin, bħar-rappurtar taħt iċ-Ċiklu tal-Politika tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, u r-rapporti tal-Grupp ta' Esperti dwar Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin tal-Kunsill tal-Ewropa (GRETA).

Skont id-Direttiva dwar it-traffikar tal-bnedmin, sa April 2015 il-Kummissjoni se tevalwa sa fejn l-Istati Membri ħadu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva f'rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Imbagħad, b'konformità mad-Direttiva, il-Kummissjoni se **tirrapporta kull sentejn** lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew **dwar il-progress** li jkun sar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, iffaċilitat mill-Istati Membri. L-ewwel rapport, li se jinħareġ fl-**2014**, se **jinkludi l-ewwel evalwazzjoni ta' din il-Komunikazzjoni**.

Fl-aħħarnett, fl-2016 rapport se jivvaluta **l-impatt tal-liġijiet nazzjonali li jstabilixxu bħala reat kriminali l-użu ta' servizzi li huma strument għall-isfruttament tat-traffikar tal-bnedmin**. Jekk meħtieġ, ir-rapport se jinkludi proposti adegwati.

Fid-dawl tal-miżuri deskritti f'din il-Komunikazzjoni, in-Netwerk Informali tar-Relaturi Nazzjonali jew il-Mekkaniżmi Ekwivalenti se jkunu essenzjali kemm għall-monitoraġġ kif ukoll għall-evalwazzjoni ta' dawk il-miżuri. Ir-rapporti li huma joħorġu fil-livell ta' Stat Membru se jiġu kkunsidrati. **Il-Kummissjoni tirrakkomanda bil-qawwa li meta jkunu qed iħejju r-rapporti tagħhom ir-Relaturi Nazzjonali jew il-Mekkaniżmi Ekwivalenti jikkonsultaw lis-soċjetà ċivili**.

L-iżgurar li din l-Istrateġija għall-Eradikazzjoni tat-Traffikar tal-Bnedmin 2012 - 2016 ikollha l-effett intenzjonat se jiddependi l-aktar fuq il-finanzjament kif ukoll fuq l-involviment tal-atturi kollha msemmija f'din il-Komunikazzjoni.

Sommarju tal-azzjonijiet mill-Istrateġija tal-UE lejn il-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin 2012 - 2016

PRIJORITAJIET U AZZJONI	MIN RESPONSABBLI	HU	ŻMIEN
PRIJORITÀ A: L-identifikazzjoni, il-ħarsien u l-assistenza lill-vittmi tat-traffikar			
L-iżvilupp ta' mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment	SM/COM		2012
Linji Gwida dwar il-protezzjoni tal-vittmi	COM		2015
Mudell għal mekkaniżmu ta' riferiment transnazzjonali tal-UE	COM		2015
Linji Gwida għal identifikazzjoni aħjar tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin	COM		2014
Linji Gwida għal servizzi konsulari u l-gwardjani tal-fruntiera għall-identifikazzjoni tal-vittmi tat-traffikar	COM		2012
Linji Gwida dwar sistemi għall-ħarsien tat-tfal	COM		2014
It-tisħiħ tas-sistemi tal-ħarsien tat-tfal biex ikun żgurat ir-ritorn sikur u ma jsirx traffikar mill-ġdid	SM		2015
Mudell tal-aħjar Prattika fuq ir-rwol ta' tuturi u/jew rappreżentanti tat-tfal vittmi	COM/FRA		2014
Informazzjoni dwar id-drittijiet tax-xogħol, rigward l-affarijiet soċjali, tal-vittmi u tal-migranti taħt il-liġi tal-UE	COM		2013
It-tixrid tal-informazzjoni dwar id-drittijiet tax-xogħol, rigward l-affarijiet soċjali, tal-vittmi u tal-migranti fuq livell nazzjonali	SM/COM		2014

PRIJORITAJIET U AZZJONIJIET	MIN RESPONSABBLI	HU	ŻMIEN
PRIJORITÀ B: L-intensifikar tal-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin			
Riċerka dwar it-tnaqqis fid-domanda għas-servizzi pprovduti minn vittmi tat-traffikar	COM		2013
It-twaqqif ta' Koalizzjoni Ewropea tan-Negożju kontra t-traffikar tal-bnedmin	COM		2014
Mudelli u linji gwida għat-tnaqqis tad-domanda	COM/Koalizzjoni Ewropea tan-Negożju		2016
Analiżi ta' inizjattivi ta' prevenzjoni eżistenti mwettqa mill-partijiet interessati	COM		2013
Attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni madwar l-UE li jimmiraw gruppi vulnerabbli speċifiċi	COM		2014

PRIJORITAJIET U AZZJONI	MIN RESPONSABBLI	HU	ŻMIEN
PRIJORITÀ C: Żieda fil-prosekuzzjoni tat-traffikanti			
It-twaqqif ta' unitajiet nazzjonali, multidixxiplinari għall-infurzar tal-liġi dwar it-traffikar tal-bnedmin	SM		Għaddej bħalissa
Investigazzjonijiet finanzjarji proattivi ta' każijiet ta' traffikar u kooperazzjoni mal-aġenziji tal-UE	SM		2013
L-analiżi tat-tagħrif li jingħata mill-SM dwar l-investigazzjoni finanzjarja fil-każijiet tat-traffikar tal-bnedmin	L-Europol/SM		2015

Skwadri tal-Investigazzjoni Konġunti	SM/aġenziji tal-UE	Għaddej bħalissa
Użu sħiħ tal-aġenziji tal-UE	SM/aġenziji tal-UE	Għaddej bħalissa
L-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Eurojust kontra t-traffikar tal-bnedmin	L-Eurojust/SM	2013
Kooperazzjoni reġjonali dwar it-traffikar tal-bnedmin tul rotot mil-Lvant lejn l-UE	COM	2012

PRIJORITAJIET U AZZJONIJIET	MIN RESPONSABBLI	HU	ŻMIEN
PRIJORITÀ D: Koordinazzjoni u kooperazzjoni msaħħa fost l-atturi ewlenin u koerenza politika			
Il-koordinazzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-dikjarazzjoni konġunta ffirmata mill-aġenziji ĠAI tal-UE	COM		Għaddej bħalissa
It-tisħiħ tal-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni madwar l-UE b'appoġġ għan-Netwerk Informali ta' Relaturi Nazzjonali jew Mekkaniżmi Ekwivalenti	COM/SM		2013
L-istabbiliment possibbli ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni f'delegazzjonijiet tal-UE fpajjizi u reġjuni terzi prijoritarji	COM/SEAE/SM		2013
It-tisħiħ u l-formalizzazzjoni ta' sħubiji ma' organizzazzjonijiet internazzjonali	COM/Organizzazzjonijiet Internazzjonali/SEAE		Għaddej bħalissa

L-inklużjoni tat-Traffikar tal-Bnedmin fil-K lawsoli tad-Drittijiet tal-Bniedem	COM/SEAE	Għaddej bħalissa
Il-Finanzjament ta' proġetti dwar it-traffikar tal-bnedmin f'pajjiżi u reġjuni terzi	COM/SEAE	Għaddej bħalissa
Pjattaforma tal-UE għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-fornituri ta' servizzi	COM	2013
Reviżjoni ta' proġetti ffinanzjati mill-UE dwar it-traffikar tal-bnedmin	COM	2014
Evalwazzjoni tal-għodod tad-drittijiet fundamentali fil-politika kontra t-traffikar u azzjonijiet relatati	COM/FRA	2014
Assistenza lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-għodda ta' valutazzjoni	COM/SM	Għaddej bħalissa
It-tisħiħ ta' taħriġ immirat lejn il-ġudikatura u l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi transkonfinali	COM/aġenziji/SM	2012
Aktar koerenza fil-politika permezz ta' programmi ta' taħriġ	COM/SM	Għaddej bħalissa

PRIJORITAJIET U AZZJONIJIET	MIN RESPONSABBLI	HU ŻMIEN
PRIJORITÀ E: Għarfien akbar dwar xejriet li qed jinbidlu fit-traffikar tal-bnedmin u reazzjoni effettiva għalihom		
Sistema pan-Ewropea għall-ġbir u pubblikazzjoni ta' dejta diżaggregata skont is-sess u l-età	COM/SM	2012
Dejta paragunabbli u affidabbli f'inizjattiva ta' segwitu 2011 u 2012	COM/SM/Relaturi Nazzjonali	2014

Riċerka dwar id-dimensjonijiet tas-sessi fit-traffikar tal-bnedmin	COM	2013
Riċerka dwar gruppi b'riskju għoli għat-traffikar tal-bnedmin	COM	2014
Riċerka dwar ir-reklutaġġ mill-internet u permezz tan-netwerks soċjali	COM/SM	2014
Studju tal-ġurisprudenza dwar it-traffikar jew l-isfruttament tax-xogħol	COM/SM	2013
Gwida rigward l-aħjar prattiki għall-awtoritajiet pubbliċi dwar il-monitoraġġ tal-aġenziji ta' xogħol temporanju u l-aġenziji intermedjarji	EUROFOUND/COM	2015
Kooperazzjoni ma' spetturi tax-xogħol, tal-affrijiet soċjali u tas-saħħa, tas-sikurezza u tas-sajd	COM	2013